**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 021/2023**

**RY ('l-Ilmentatur')**

**vs**

**MAPFRE MSV LIFE p.l.c. (C 15722)**

**('il-Provditur tas-Servizz' jew 'MSV')**

**Seduta tat-13 Ottubru 2023**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,**[1] fejn l-Ilmentatur issottometta li fis-6 Jannar 1998 huwa kien mar minn jeddu fil-fergha tal-Mosta tal-*Bank of Valletta* biex jindaga dwar polza tas-sigurtà f'isem kull wahda minn zewg uliedu minuri (XXX u YYY) li sservi biex meta jikbru jsibu xi haga sewwa taht rashom.

Hareg jaqdih certu Christopher Borg , rapprezentant tal-*Bank of Valletta* li kienet agent tal-Provditur tas-Servizz, li beda jkellmu fuq prodott *Comprehensive Life Policy*. Eventwalment, kien xtara iz-zewg poloz fit-22 ta' Jannar 1998.[2] Huwa impenja ruhu li jhallas Lm100 kull sena ghal hamsa u ghoxrin sena ghal kull polza. Iz-zewg poloz kienu identici.

Ghall-fini ta' pratticità, qed jigu amalgamati z-zewg poloz u b'hekk l-impenn kien li jhallas Lm200 kull sena u, mbaghad, fehem li gie mwieghed li wara hamsa u ghoxrin sena, jekk ihallas kif miftiehem, kien gie garantit li jiehu Lm8,285 ghal kull polza, jigifieri, Lm16,570. B'hekk fehem li jekk fuq medda ta' 25 sena jkun hallas Lm5,000 (€11,647), kellu garantit li fit-terminu ta' dan iz-zmien kien ser jircievi b'mod garantit Lm16,570 (€38,598).

[1] Pagna (P.) 1 - 67
[2] P. 3; 18

*'Fit-22 ta' Jannar 1998, jien ghamilt zewg assikurazzjonijiet tal-hajja ghat-tfal tieghi. Jien ghamilt assikurazzjoni tal-hajja fuq binti XXX bin-numru XXXXXN u assikurazzjoni fuq binti YYY bin-numru XXXXXN. L-assikurazzjonijiet huma ezatti l-istess, fejn jien naghmel depozitu ta' Euro 232.94 (Lira Maltija 100) kull sena fuq kull assikurazzjoni minn 1998 sa 2022.*

*Fin-1998 ir-rapprezentant tal-bank BOV kien qalli li wara 25 sena, jien ser inkun intitolat ghall-valur wara l-maturità Lira Maltija 2500 (Euro 5823.43) kif ukoll ghal "Reversionary Bonus" ghas-somma ta' Lira Maltija 6026 (Euro 14036.80) kif ukoll ser inkun intitolat ghal "Terminal Bonuses", ghas-somma ta' Lira Maltija 8285 (Euro 19298.86) ghal kull assikurazzjoni.*

*Wara 25 sena, jien hallast total ta' Lira Maltija 8285 (Euro 19298.86)*[3] *fuq kull assikurazzjoni. F'19 ta' Dicembru 2022, Mapfre baghtuli ittra fejn qaluli l-assikurazzjonijiet ser jaghlqu fit-12 ta' Jannar 2023. Fl-ittra msemmija, Mapfre qaluli li jien ser ninghata lura s-somma ta' Euro 7963.44 ghall-assikurazzjoni 39904N u ser ninghata lura s-somma ta' Euro 7963.46 ghall-assikurazzjoni 39905N.*

*Fl-opinjoni tieghi, hemm distakk kbir bejn dak li gejt imwieghed (Euro 19298.86) ghal kull assikurazzjoni u l-ammont li huwa deskritt fl-ittra (Euro 7963.44 u Euro 7963.46) ghall-assikurazzjonijiet'.*[4]

Kompla jghid l-Ilmentatur:

*'25 sena ilu, meta iddiskutejt l-assikurazzjonijiet imsemmija mar-rapprezentanti tal-BOV, inhoss li qarrqu bija ghaliex illum, 25 sena wara, jien mhux talli li mhux ser nircievi s-somma li kkalkolaw ghalija, is-somma li ser nircievi hija ferm inqas mill-istima originali. L-ammont li Mapfre iridu jtuni huwa ta' Euro 7963.44 ghall-assikurazzjoni 39904N, b'differenza ta' Euro 11335.42, ghax l-istima originali kienet ta' EUR 19298.86 kif ukoll, Mapfre jridu jtuni Euro 7963.46 ghall-assikurazzjoni 39905N, b'differenza ta' Euro 11335.40, ghax l-istima originali kienet ta' EUR 19298.86. Dan ifisser li wara 25 sena, l-assikurazzjoni 39904 N ser tkun ghamlet qligh ta' Euro 2,140.05 (Euro 7963.44 – Euro 5823.43) meta lili qaluli li hemm cans ghal qligh ta' Euro 13475.25 (Euro 19298.86 – Euro 5823.43).*

[3] Probabbli ried jghid *'jien suppost thallast'*
[4] P. 3

*L-assikurazzjoni 39905N ser tkun ghamlet qligh ta' Euro 2140.03 (Euro 7963.46 – Euro 5823.43) meta lili qaluli li hemm cans ghal qligh ta' Euro 13475.25 (Euro 19298.86 – Euro 5823.43). Hawnhekk qeghdin nitkellmu li jien ser inkun ghamilt qligh ta' 6 darbiet inqas mill-istima originali.*

*Jien nifhem li din kienet stima, però zgur li min ipprezentali dal-figuri, jew qarraq bija 25 sena ilu, jew illum Mapfre qeghdin iqarrqu bija. Jekk tikkumpara mal-S&P 500, kieku poggejt Lira Maltija 100 (Euro 232.94) kull sena ghal 25 sena, illum il-gurnata ghandi Lira Maltija 8815.54 (Euro 20534.68) li huwa hafna eqreb ghall-istima (Lira Maltija 8285 jew Euro 19298.86) li kienu tawni f'Jannar 1998. Ghalhekk, fl-opinjoni tieghi, fejn qed nikkumpara anke mas-suq internazzjonali, nahseb li Mapfre mhux qeghdin ikunu onesti mieghi.*

*Apparti minn hekk, lili dejjem qaluli li dan huwa investiment b'riskju baxx hafna u li s-somma ta' Lm8285 (Euro 19298.86) hija kwazi garantita, hlief ghal xi ftit differenza negligibbli. Din hija haga importanti hafna ghalija ghax jien bniedem konservattiv hafna. Jekk ser nikkumpara mal-S&P 500, jien ghalija dak huwa riskju kbir li m'inix lest li niehdu u li ma hadtux. Ghaldaqstant, meta tikkumpara kemm weghduni l-BOV ma' dak li gara fl-S&P 500, hija cara li hemm riskju li jien ma kontx lest ghalih. Jekk thares lura 25 sena ilu, meta jien tkellimt mar-rapprezentanti tal-BOV, hadd qatt ma qalli li din l-assikurazzjoni ghandha riskju akbar minn kemm xtaqt jien.*

*Jien kont nircievi ittra mill-Mapfre kull sena, però, minhabba li jien m'inix bniedem li nifhem fil-finanzi, qatt ma fhimt ezattament l-ittra x'qieghda tghid. Infatti, jien dejjem kont mohhi mistrieh li wara 25 sena ser nircievi s-somma ta' Lm8285 (Euro 19298.86) jew vicin hafna ghal kull assikurazzjoni. Jien bniedem ta' 62 sena, u dawn l-assikurazzjonijiet huma parti mill-pjan tieghi u ta' marti biex inkun nista' nirtira mix-xoghol. Dan juri kemm lili verament weghduni illi s-somma ta' Lm8285 (Euro 19298.86) ghal kull assikurazzjoni ser nehodhom zgur.*'[5]

Bhala rimedju, talab li jinghata minghajr tnaqqis is-somma mwieghda ta' €38,598 u spjega li fin-nuqqas ta' ftehim, kien lest jiehu l-kaz tieghu il-qorti u

[5] P. 4

jfittex ukoll ghal danni morali, psikologici, u ghal ksur ta' drittijiet fundamentali, apparti l-ispejjez.

**Ra t-twegiba[6] tal-Provditur tas-Servizz:**

1. Illi s-socjetà esponenti tirreferi ghall-fatt allegat mill-ilmentatur illi l-*maturity value* fir-rigward tal-poloz in kwistjoni bin-numru 39904N u 39905N ma kinux ekwivalenti ghall-*estimated maturity value* kif kien allegatament indikat mis-socjetà esponenti fil-mument tal-bejgh tal-poloz in kwistjoni.

   Ghalhekk, permezz tal-ilment tieghu, l-ilmentatur qieghed jitlob lill-Onorabbli Arbitru jiddikjara u jiddeciedi illi s-socjetà esponenti tigi ordnata thallas lill-ilmentatur s-somma ta' Euro 19,298.86 (Lm8,285) fir-rigward ta' kull polza fuq indikata. Fl-umli fehma tas-socjetà esponenti, it-talba tal-ilmentatur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, u dan ghal diversi ragunijiet li ser jigu spjegati fis-suespost.

2. Fl-ewwel lok, l-ammont li qed jippretendi illi jircievi l-ilmentatur huwa ibbazat biss fuq stimi (annessa mal-ilment) li kienu nhargu mis-socjetà esponenti u ohrajn hawn annessi u mmarkati bhala Dok. MSV 1 u Dok. MSV 2 li kienu mahrugin mir-rapprezentant tas-socjetà esponenti li biegh il-poloz, li kien *Bank of Valletta plc* (BOV). L-ebda ammonti indikati fl-istess stimi ma kienu garantiti u dan ghal diversi ragunijiet. L-istima hija ikkalkulata fuq il-kundizzjonijiet ta' investiment u c-cirkostanzi u r-rati ta' qligh ta' dak iz-zmien u cioè bir-rata tas-6.75%. L-aktar fattur importanti li jaffettwa r-rati tal-*bonuses* huwa l-prestazzjoni tal-investiment sottostanti liema hadd m'huwa f'pozizzjoni illi jkun jaf bil-quddiem x'ser tkun u ghalhekk il-*maturity value* ma setax ikun garantit fil-bidu tal-polza. L-ebda indikazzjoni ta' kif jista' jizviluppa l-valur tal-investiment ma jista' qatt jittiehed bhala vangelu u kif jaf kulhadd, il-valur ta' investiment jista' joghla kif ukoll jinzel u l-passat m'huwiex garanzjia tal-futur. Fil-fatt, meta kienet inharget l-istima in kwistjoni hadd ma kien jobsor illi waqt il-perjodu tal-poloz kien ser ikun hemm l-incidenti ta' 9/11, tnaqqis ta' 50% fl-i*stock market* bejn is-sena 2000 u 2001 u t-tnaqqis ekonomiku fis-sena 2008 u dan barra l-fatt illi fis-sena 2018, il-klassijiet tal-assi kollha madwar id-dinja rregistraw redditu negattiv, il-pandemija tal-COVID u l-gwerra fl-Ukraina. Ghalhekk, waqt il-perjodu tal-poloz, il-kundizzjonijiet ekonomici ma kinux daqstant favorevoli u s-socjetà esponenti ma

[6] P. 73 - 83

kinetx *immune* minn dan. Ghalhekk, id-differenza bejn il-*maturity value* u dak li qed jippretendi li jircievi l-ilmentatur m'huwa xejn hlief differenza bejn is-somma stmata meta xtara l-poloz u l-valur attwali tal-investiment meta mmaturaw l-istess poloz. Dan il-valur attwali tal-investiment huwa l-ammont dovut lill-ilmentatur taht il-poloz *de quo* u ghalhekk is-socjetà esponenti kienet disposta li thallas dan l-ammont (hieles mit-taxxa) lill-ilmentatur. Ghalhekk, is-socjetà esponenti tikkonferma li l-istima in kwistjoni kienet fil-fatt korretta skont ic-cirkostanzi finanzjarji ta' dak iz-zmien u ghalhekk aggixxiet in *bona fede*. La s-socjetà esponenti u lanqas BOV ma qarqu bl-ilmentatur u l-allegazzjoni tal-ilmentatur illi s-socjetà esponenti ma kinetx onesta ghax investimenti ohra internazzjonali kellhom prestazzjoni ferm ahjar minn kif marru il-poloz in kwistjoni mhux korretta. Fil-fatt, l-ilmentatur erronjament jikkompara il-prestazzjoni tal-poloz mal-prestazzjoni tal-investimenti li jifformaw parti mill-S&P 500. Però, fl-istess waqt, l-ilmentatur stess jammetti illi kien riskju kbir ghalih li jinvesti fil-S&P 500 u li ma kienx lest li jinvesti f'dawk it-tip ta' investimenti u ghalhekk xtara l-poloz in kwistjoni minflok. Ghalhekk, l-ilmentatur qed jikkontradixxi lilu innifsu ghax ma setax jikkompara l-prestazzjoni tal-poloz in kwistjoni ma' dawk li jifformaw parti mill-S&P 500 ghax kienu ta' natura differenti hafna ghax kellhom livell ta' riskju differenti. Minhabba li dawk tal-S&P 500 kienu aktar riskjuzi, il-prestazzjoni taghhom tkun oghla minhabba r-riskju. Kieku l-ilmentatur ried jikkompara fuq livell internazzjonali kif mar l-investiment tieghu mill-poloz in kwistjoni, ried jaghmel paragun, per ezempju, mal-*US 10-year yield bond* u mhux mal-S&P 500 minhabba li l-livell tar-riskju fil-*US 10-year yield bond* huwa simili ghal dak tal-poloz in kwistjoni. Irid jinghad illi l-*bonuses* li ddikjaraw is-socjetà esponenti matul is-snin jirriflettu l-prestazzjoni tal-*US 10-year yield bond* u ghalhekk dan juri li s-socjetà esponenti agixxiet bl-aktar mod onest u mhux kif qed jghid l-ilmentatur.

3. Is-socjetà esponenti hija tal-umli fehma illi hija osservat l-obbligi taghha taht il-polza (fol. 15 - 32) illi tghid illi:

   "*The **<u>COMPANY HEREBY AGREES to pay the greater of either the Basic Sum Assured or Policy Account (if any)</u>**.*"

   Is-*Sum Assured* ammonta ghal €5,010.48 fuq kull polza u l-valur tal-*Policy Account,* fid-data tal-maturità tal-poloz, ammonta ghal €7,968.14 u €7,968.17. Is-socjetà esponenti disposta li thallas il-valur tal-*Policy Account* (hieles mit-taxxa)

ghax dan jeccedi s-*sum assured*. Ghalhekk, huwa car illi l-poloz in kwistjoni ma jiggarantixxux il-hlas tal-ammonti indikati fl-istimi, izda illi jithallas il-valur tal-*Policy Account* fid-data tal-maturità tal-poloz ghax dan ecceda l-valur tas-*sum assured*. Ghalhekk, l-ebda stima ma setghet tikkristallizza l-valur li kien ser jithallas lill-ilmentatur fil-maturità tal-poloz in kwistjoni ghax dak il-valur seta' javvera ruhu biss fid-data tal-maturità tal-poloz. Il-figuri indikati fl-istima ma setghux ikunu garantiti ghax fil-fatt l-ammont tal-*maturity value* jibqa' jinbidel sad-data tal-immaturar tal-polza. Fil-fatt, fl-ilment tieghu, l-ilmentatur stess irrikonoxxa illi inghata stima.

4. F'dan il-kuntest, is-socjetà esponenti tixtieq taghmel referenza ghall-*quotations* mahruga fir-rigward tal-poloz in kwistjoni (Dok. MSV 1 u Dok. MSV2) li jiddistingwu bl-aktar mod car bejn is-"*sum assured*", l-"*<u>estimated</u> maturity value including reversionary bonus*" u l-"*<u>estimated</u> maturity value including reversionary and terminal bonuses (<u>if any</u>)*".

   Dan jindika illi s-socjetà esponenti ghamlitha cara mill-bidu nett (u cioè qabel ma saru il-kuntratti in kwistjoni) illi l-*maturity value* taz-zewg poloz ma kienx garantit imma kien biss stima u li s-*sum assured* biss kien garantit. *In oltre,* fl-istess *quotations* kien hemm distinzjoni bejn *reversionary bonuses* u *terminal bonuses* u li s-socjetà esponenti ma kinetx obbligata li thallas it-*terminal bonuses* hekk kif indikat bil-kliem "*if any*".

   Ghalhekk, is-socjetà esponenti bl-ebda mod ma kienet qed tiggarantixxi lill-ilmentatur li mal-maturar tal-poloz in kwistjoni hu kien ser jircievi l-ammont ta' Euro 19,298.86 fir-rigward ta' kull polza ghax dak l-ammont kien biss stima u kien jinkludi t-*terminal bonus* illi forsi ma kienx ser jithallas fuq l-immaturar tal-poloz. Fil-fatt, l-ebda *terminal bonus* ma thallas fuq il-poloz in kwistjoni. Fil-fatt, l-*<u>estimated</u> maturity value including reversionary bonus* kien hafna anqas u cioè fl-ammont ta' Euro 14,036.80 fir-rigward ta' kull polza.

5. Barra l-fatt illi l-*quotations* indikaw *<u>estimated</u> maturity values* u ghalhekk l-ammonti indikati fl-istess *quotations* ma kinux garantiti, jirrizulta illi fuq wara tal-*quotations* li inghataw lill-ilmentatur, kien hemm pagna imsemmija **<u>Important Notes</u>** (Dok. MSV 1 u Dok. MSV2 u fol. 38) li permezz ta' liema gie spjegat lilu t-tifsira ta' "*Reversionary and special bonuses*" u "*Terminal Bonus*". Spjega ukoll kif

ir-"*Reversionary and special bonuses"* jakkumulaw fil-*Policy Account* tal-ilmentatur. L-istess dokument jispjega illi l-polza tal-ilmentatur kienet ser tippartecipa fid-distribuzzjoni tal-profitti tas-socjetà esponenti u ghalhekk kien hemm element ta' investiment. In oltre, jinghad illi "*Reversionary and Special Bonuses, once declared, are guaranteed to be paid at maturity …*"

Dawn in-Noti ukoll jipprovdu illi "***The Estimated Maturity Values shown overleaf have been calculated using the bonus rates declared by the Company at the previous year end. Depending on the performance of the Company, bonus rates may go up as well as down****".* Allura dan ikompli jikkonferma illi ma kienx obbligatorju illi jigu iddikjarati *reversionary bonuses* u ghalhekk dak li kien hemm indikat fil-*quotation* bhala *estimated maturity value including reversionary bonuses* ma kienx garantit izda wiehed ried jistenna ta' kull sena jekk kienx ser jigi iddikjarat mis-socjetà esponenti *reversionary bonus* u f'liema ammont kien ser jigi ddikjarat sabiex wiehed ikun jista' jkun cert kif kien qed jizdied il-valur tal-*Policy Account* tieghu kull sena.

6. Fir-rigward tat-*Terminal Bonus*, l-istess dokument anness mal-*quotation* jipprovdi illi "*Depending on its profit experience, Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited may, after the Policy's TENTH year and ten year full premia have been paid, decide to allocate from time to time a Terminal Bonus in addition to the other declared bonuses …* ***as they depend materially on the investment performance at the time of the claim, they may be reduced or even withdrawn altogether.***" Dan juri illi il-valur indikat fil-*quotation* bhala "*estimated maturity value including reversionary and terminal bonus"* fl-ammont ta' Euro 19,298.86 kien ukoll mhux garantit ghax is-socjetà esponenti kellha d-diskrezzjoni illi ma thallasx *terminal bonus* u fil-fatt dan ma thallasx.

7. *In oltre* d-dokument anness mal-*quotation* jaghmilha cara illi *"Whilst the purpose of these notes is to guide the policyholders and prospective policyholders, the conditions applying to all benefit provided by the Policy are defined in the Policy document".* L-istess dokument anness mal-*quotation* jghid illi *"In the case of conflict of meaning between this quotation and the Policy document the Policy document shall prevail."* Ghalhekk, l-ilmentatur ma setax jistrieh fuq il-*quotation* izda ried jara l-istess fil-kuntest tad-dokument li kien anness mal-*quotation* kif ukoll mat-termini u kundizzjonijiet tal-polza.

8. Is-socjetà esponenti tixtieq tghid ukoll illi l-ebda figuri fl-istima ma setghu kienu garantiti ghax ma kienx mandatarju fuq is-socjetà esponenti illi tiddikjara *Bonuses* ta' kull sena minhabba illi dan kien jiddependi fuq il-prestazzjoni tal-investimenti ta' kull sena kif gie spjegat fis-suespost. Dan jirrizulta ukoll mill-*policy schedule* tal-polza in kwistjoni (fol. 18 u 44), fejn tghid illi "*In respect of each premium paid* (i.e., Lm100 p.a.)*, Lm92.49 shall be credited to the Policy Account which will be increased by the bonuses which **may** be declared by the Company from time to time*." Dan ikompli jikkonferma illi mill-bidu tal-polza in kwistjoni, l-ilmentatur kien infurmat illi kien hemm element ta' investiment u li l-*bonuses* ma kinux mandatorji izda kien fid-diskrezzjoni tas-socjetà esponenti illi tiddikjara jew ma tiddikjarax dawn il-*bonuses*.

9. **Ghalhekk, irid jinghad illi fil-mument tal-bejgh u l-esekuzzjoni tal-kuntratt tal-polza, is-socjetà esponenti ghamlet l-ahjar li setghet sabiex tinforma lill-ilmentatur kif dawn il-poloz jahdmu, kif dawn l-ammonti jigu kkalkolati, kif jithallasu u illi l-valur tal-poloz seta' jitla' kif ukoll jinzel, kif espressament gie muri bl-informazzjoni illi s-socjetà esponenti forniet lill-ilmentatur.** Din l-informazzjoni baqghet tigi ipprovduta lill-ilmentatur ta' kull sena waqt li l-polza kienet ghada *in vigore*, kif ser jigi spjegat fid-dettall aktar 'l isfel. Minkejja dan kollu, l-ilmentatur qieghed jiffokka biss fuq l-ammonti ikkwotati fil-*quotation* minghajr ma poggihom fil-kuntest kollhu u cioè fil-kuntest tal-informazzjoni li nghata l-ilmentatur matul il-perjodu tal-poloz.

10. Is-socjetà esponenti tixtieq tindirizza l-argument tal-ilmentatur illi hadd ma kien qallu li l-poloz kienu prodotti riskjuzi. Irid jinghad illi jekk *bonus* kien jigi iddikjarat mis-socjetà esponenti, dan kien jizdied mal-*Policy Account* u allura l-pagament tieghu kien fil-fatt garantit mal-maturità tal-polza. *In oltre,* irid jinghad illi l-*investment premium,* fl-ammont ta' Lm92.49 (Euro 215.35) fis-sena fir-rigward ta' kull polza in kwistjoni, li fid-data ta' l-immaturar tal-istess polza kien jammonta ghal Euro 5,383.76 ghal kull polza, kien fil-fatt ukoll garantit flimkien mal-*bonuses* li kienu qed jigu iddikjarati u dan ghall-kuntrarju ta' investimenti ohra bhalma huma il-*unit-linked policies* fejn l-ebda ammont m'huwa garantit. Proprju ghalhekk, dejjem qalulu "*li dan investiment b'riskju baxx hafna*".

11. Id-diminuzzjoni fil-parti tal-investiment tal-poloz meta ikkomparat mal-istima ma huwa xejn hlief riflessjoni tal-andament tal-investimenti u tal-*MSV With Profits Fund* imsemmi aktar 'l isfel, tul il-perjodu kollu li ilhom fis-sehh il-poloz in

kwistjoni. Minkejja t-tnaqqis fir-rati tal-*bonus* matul iz-zmien, jekk wiehed jaghmel analizi dettaljata fejn jittiehdu in konsiderazzjoni il-fatturi kollha (u mhux uhud biss minnhom) wiehed jasal ghall-konkluzjoni li xorta wahda l-poloz in kwistjoni kienu investiment siewi ghax dik il-parti tal-polza in kwistjoni li hija l-parti tal-investiment (u mhux il-parti tal-assikurazzjoni fuq il-hajja, li ser tigi indirizzata aktar 'l isfel) marret tajjeb kif ikkomparata ma' investimenti komparabbili fis-swieq tal-investiment tul il-kors tal-perjodu tal-poloz *de quo*. Fil-fatt, l-ilmentatur ghamel gwadann ta' Euro 2,579.68 fuq kull polza meta wiehed jiehu id-differenza bejn l-*investment premium* u l-*maturity value*.

12. *In oltre*, is-socjetà esponenti dejjem agixxiet in *bona fede.* Hija dejjem immaniggjat l-*MSV With Profits Fund* fl-ahjar interess tad-detenturi tal-poloz taghha. L-immaniggjar tal-fond in kwistjoni huwa taht skrutinju mhux biss tal-*management* ezekuttiv u ta' l-*investment committtees* tas-socjetà esponenti, imma ukoll taht skrutinju tal-attwarji, *Willis Towers Watson,* ditta internazzjonali, professjonali u indipendenti, kif ukoll taht skrutinju tal-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. L-andament tal-istess fond huwa kompletament u dejjem soggett ghal dawk il-kambjamenti u caqliq ta' valuri fis-swieq kemm finanzjarji, kemm ta' proprjetà immobili u kif ukoll ohrajn illi gewwa fihom tinvesti s-socjetà esponenti.

13. Irid jinghad illi ta' kull sena, is-socjetà esponenti dejjem zammet lill-ilmentatur mgharraf b'dak li kien qed jigri fid-dettall bl-andament tar-rati tal-imghax li kienu qeghdin jigu ikkreditati lill-polza *de quo* billi forniet lill-ilmentatur (kif ghamlet ovvjament mad-detenturi tal-poloz kollha taghha) bil-valuri attwali tal-poloz *de quo*, permezz tad-*Bonus Statements* li maghha kien ukoll jigi anness dokument iehor imsejjah *Important Notes*, u sa mill-2001 kien ukoll jigi anness dokument iehor imsejjah *Media Release*. Il-*Bonus Statements* kienu juru l-progressjoni fit-tkabbir tal-poloz minn sena ghal sena u l-ilmentatur kellu jkun konxju bis-shih dwar kif il-poloz kienu qed jikbru minn sena ghal sena. Ghandu jigi innotat illi l-unika haga li kien qed jinbidel minn sena ghall-ohra kien l-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus* u l-*Estimated Maturity Value including Reversionary and Terminal Bonuses*, li s-socjetà esponenti kienet fil-fatt intitolata li taghmel. *In oltre*, l-*Important Notes* annessi mal-*Bonus Statements* mahruga kull sena kif ukoll l-*media releases* jaghmluha cara li r-rati tal-*bonus* ma kinux

garantiti u li kienu jiddependu fuq prestazzjoni tal-investimenti, u ghalhekk l-investimenti setghu jitilghu jew jinzlu.

14. Irid jinghad ukoll illi l-polza *de quo*, apparti l-element ta' investiment, suggett principali ta' din il-vertenza, kellha ukoll tkopru r-riskju tal-mewt tal-*life assured* matul il-kors tal-perjodu tal-istess polza, liema kopertura mhux generalment disponibbli taht forom ohra ta' tfaddil regolari u ovvjament ghandha prezz u liema prezz qed jigi totalment injorat mill-ilmentatur fl-ilment tieghu. Ghalhekk wiehed mill-ghanijiet tal-polza in kwistjoni kienet li jipprovdi beneficcju garantit pagabbli fil-kaz ta' mewt tal-*life assured* qabel il-maturità tal-poloz imsemmija bhala "*Sum Assured*" li kienet fl-ammont ta' Euro 5,010.48 ghal kull polza. Ghalhekk, kieku il-*life assured* mietet l-ghada illi kien hallas l-ewwel *premium* fl-ammont ta' Lm100, l-eredi zgur kienu jircievu l-ammont ta' Lm2,151 (Eur 5,010.48) fuq kull polza.

    Ghalkemm ghall-grazzja ta' Alla, il-*life assureds* ma gewx nieqsa waqt il-perjodu tal-poloz, l-**ilmentatur xorta wahda ghamel uzu mill-beneficcju taht il-polza tal-*life cover* ghax uza l-istess poloz bhala garanzija favur il-*Bank of Valletta plc* sabiex jiggarantixxi d-dejn tieghu u tal-mara tieghu u dan permezz ta' *pledge*** datat 22 ta' Mejju 2001 liema *pledge* imbaghad gie rilaxxat mill-Bank fit-12 ta' Awissu 2008. Dan il-beneficcju ma kienx possibli li kieku l-ilmentatur xtara investiment fil-S&P 500.

15. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti tixtieq tishaq illi l-bejgh tal-poloz in kwistjoni saru *ai termini* ta' regolamenti applikabbli fil-mument tal-bejgh tal-polza. Fil-fatt, qabel ma saru il-kuntratti in kwistjoni, l-ilmentatur gie ipprezentat bl-Avviz Statutorju mahrug skont il-provvediment tar-regolamenti tal-1989 dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Hajja (Avviz Statutorju) (Avviz Legali 129 tas-sena 1989) kif is-socjetà esponenti kienet rikjesta li taghmel mil-ligi fil-mument tal-konkluzjoni tal-poloz liema Avviz gie iffirmat mill-ilmentatur stess fis-6 ta' Jannar 1998. L-Avviz in kwistjoni kien jinkludi diversi drittijiet, fosthom, id-dritt li jahsibha mill-gdid u jekk jkun jixtieq, jerga' lura min-negozju fi zmien 15-il jum minn meta jinghata dan l-Avviz. Dan l-Avviz kien mahsub sabiex proprju jigu evitati xi okkazjonijiet fejn ikun sar xi pressjoni jew ghal kwalsiasi raguni d-detentur jkun irid jerga' jahsibha jew iregga' lura d-decizjoni tieghu. Jidher b'mod car illi l-ilmentatur m'ezercita l-ebda dritt ikkomunikat lilu f'dan l-Avviz, tant li imbaghad intrabat minn jeddu bil-kuntratti in kwistjoni. Is-socjetà esponenti qed

tannetti ma' din ir-risposta kopja tal-Avvizi Statutorji in konnessjoni mal-poloz in kwistjoni iffirmati mill-ilmentatur li qed jigu mmarkati bhala Dok. MSV3 u Dok. MSV4.

16. Finalment, is-socjetà esponenti tixtieq tishaq ghall-ahhar darba illi hija qatt, fl-ezekuzzjoni tal-kuntratti relattivi u cioè fir-rigward tal-polza bin-numru 39904N u 39905N, ma kienet inadempjenti u qatt ma kisret ebda termini pattwiti bejn il-partijiet u ghalhekk m'ghandhiex tkun ordnata sabiex thallas kumpens lill-ilmentatur jew spejjez ta' din il-procedura li saret inutilment mill-ilmentatur, hekk kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-ilment.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Seduti**

Fl-ewwel seduta fit 30 Mejju 2023, xehed l-Ilmentatur li bazikament rega' fisser dak li kien kiteb fl-ilment.

Waqt il-kontroezami, l-Ilmentatur qal:

'***Nikkonferma li uzajt iz-zewg poloz bhala pledge.***

***Qed jinghad li l-polza tghid dawn il-kliem, li thallas l-akbar ammont: jew is-sum assured (li fil-kaz tieghi kien €5,010) jew il-valur tal-polza (li kont nircievi fil-Bonus Statements) u mistoqsi hux minnu li jien hadt aktar minn €5,010, nghid li jiena, kif digà ghidt, ma nifhimx. Il-karti li kienu jibaghtuli ma nifhimhomx. Mela, allura, l-Bank of Valletta qarrqu bija.***

***Qed jinghad li allura jien ma kontx qed naghti kaz il-karti, nghid li le, kieku ma tajtx kaz ma kontx inhallashom 25 sena.***

***Mistoqsi tajtx kaz id-dokumenti, nghid li jien qghadt fuq l-estimate ghax il-kelma kienet fuq l-estimate.***

***Referut ghall-Quotation (Dok MSV 1 u MSV 2), qed jinghad li fl-ewwel pagna hemm x'qed twieghedni l-kumpanija li taghtini:***

***'The Company hereby agrees to pay the greater of either the basic sum assured or the policy account if any.'***

***Nghid li s-Sur Chris Borg ma qaghadx jaqbad wiehed wiehed u jispjegahomli. Qalli l-affarijiet li deherlu hu li jghidli: qalli li fl-ahhar tal-25 sena ser niehu Lm8,300 u that's that.***

*Qed jinghad li fil-Quotation hemm diversi figuri: hemm is-Sum Assured, Reversionary Bonus u hemm l-Estimated Terminal Bonus. Mistoqsi kif qed nitlob l-oghla figura fil-Quotation meta hdejn il-figura ta' Lm8,285, fil-brackets, hemm 'if any', nghid li s-Sur Chris Borg fiz-zewg meetings li kellna (forsi tlieta) dejjem sammarhieli go rasi li ser niehu t-Lm8,300 fuq kull polza.*

*Mistoqsi niftakarx dak li qalli kelma b'kelma, nghid li niftakar li qalli li dawn stimi konservattivi.*

*Qed jinghad li meta nhargitli l-Quotation, jien ma rajthomx hafna ghax dak iz-zmien il-banek u barra minn Malta ir-rati hekk kienu u ghalhekk qed nigi mistoqsi nikkonferma li r-rati tal-banek inbidlu minn dak iz-zmien. Nghid li s-Sur Chris Borg kien qalli li l-Bank of Valletta jew MAPFRE ghandhom a pool of people who are experts in this material, allura jien, li m'inix expert, hallejt f'idejkom.*

*Qed jinghad (peress li jien ghidt li dak iz-zmien ma konniex nitkellmu li jitla' u jinzel) li fl-Important Notes tal-Quotation tieghi hemm miktub 'depending upon the performance of the Company, bonus rates may go up as well as down', jigifieri dak iz-zmien kienu digà qed jghiduha u mistoqsi xi nghid dwar dan, nghid li dawk l-Important Notes Chris Borg qatt ma urihomli.*

*Qed jinghad li fil-Quotation ghandi 'I hereby confirm that I have read and understood the Important Notes to this Quotation'. Mistoqsi ghalfejn iffirmajtha jekk lanqas biss qrajtha jew jekk ma fhimthomx, nghid li mela allura Chris Borg spjegahomli sewwa. Nerga' nghid li dak il-kliem qatt ma ntqal.*

*Nikkonferma li dik hi l-firma tieghi fuq dan id-dokument.*

*Fl-ilment jien semmejt l-investiment taht l-S&P, u qed jinghad li kieku jien investejt fi prodott bhal dak, jien ma kontx nista' nuza l-prodott biex nippleggjah favur il-bank. Mistoqsi xi nghid dwar dan, nghid li jien ma nifhimx; dak riedu l-Bank of Valletta u jien la l-Manager riedu mhux se ncahhdu minnu. Qalli, 'Inti ghandek insurance?' Ghidtlu, 'Iva.'*

*Qed nigi mistoqsi jekk ir-riskju taht l-S&P u r-riskju taht il-polza humiex l-istess, u qed jinghad li jien qed naghmel paragun tal-polza tieghi ma' prodotti tal-S&P. Mistoqsi ghalfejn meta jien ghidt li jien konservattiv u ma ridtx prodotti taht l-S&P allura ghalfejn qed nghid li stajt ghamilt gwadann ta' €20,534 meta jiena qatt ma kont ser nixtri dak il-prodott, nghid li jiena dejjem nisma' t-*

***television u meta nisma' l-ahbarijiet tal-flus, dejjem jaghmlu l-paraguni taghhom mal-S&P 500, li huma pressapoco l-istess estimi - kif jghidu - ghax jiena ma nifhimx.***

***Nghid il-verità, ghidt lil Ryan, ghax jifhem naqra aktar minni, jien nisma' dawn allura jekk naghmlu dawn ma' dawn … u x'hin ikkomparajnihom, gibnihom kwazi s-somma li l-Bank of Valletta weghduni 25 sena ilu.***

***Qed jinghad li jien il-paragun ghamiltu mhux ghax nifhem imma biex nitfa' dell ikrah fuq l-MSV, nghid li jien lanqas biss xtaqt li nasal hawn; ma xtaqtx li nasal hawn! U nghid li jekk ma tridu ggibu xejn fuq il-website, halli zgur ma naghmilx hsara, iggibu xejn!***

***Mistoqsi mill-Arbitru x'kont nahdem meta ghamilt il-poloz u x'livell ta' edukazzjoni kelli dak iz-zmien, nghid li jien kont pulizija u kelli skola sekondarja. Però, imbaghad, sakemm spiccajt minn pulizija, ghamilt it-terzjarja. Ghamilt kors l-MCAST u Evening Classes l-Università.***

***Mistoqsi mill-Arbitru kontx naf naqra bl-Ingliz, nghid li iva.***

***L-Arbitru qed jghid li hawn hafna dokumenti iffirmati minni li jindikaw li jien kelli l-warnings kollha biex jien inkun naf li ma kienx hemm garanzija ta' Lm8,000. Mistoqsi dakinhar qrajtx dawn id-dokumenti, nghid li jiena skola tal-1960 – li jekk inti taghtini kelma – fuq dik il-kelma jiena nibqa'. Jiena qghadt fuq il-kelma li tani r-rapprezentant tal-Bank of Valletta.***

***Mistoqsi jekk qattx qrajthom qabel jew wara li ffirmajthom, nghid li jien ma nifhimhomx hafna u hemm certu kliem tekniku li jien ma nifhmux. Nghid li le, tant ma qrajthomx u qghadt fuq il-kelma ta' dak iz-zmien ghax tant kelli affarijiet f'hajti li ghalija dawn l-affarijiet kienu minimi.***

***Qed jinghad li iffirmajthom minghajr ma qrajthom, nghid li hafna drabi hekk naghmlu ghax ifiehemuhomlok: jghidulek dan hekk u dan hekk, u jiena niffirmahom ghax jiena ragel u lilek inzommok b'ragel.'***[7]

Ghat-tieni seduta tal-11 Settembru 2023, gie pprezentat l-*affidavit* ta' Victor Farrugia fil-kariga tieghu ta' *Chief Operating Officer* ta' MSV fejn bazikament rega' qal dak li kien rapportat fir-risposta ghall-ilment.

[7] P. 85 - 87

Deher ukoll Christopher Borg li kien il-persuna li irrapprezenta lil MSV meta gie konkluz il-bejgh tal-polza fl-1998.

Christopher Borg xehed:

***'Nghid li fis-1998 kont impjegat tal-BOV u kont nahdem il-Mosta branch bhala Bancassurance Representative.***

***Nghid li xogholi, bhala Bancassurance Representative, fosthom, kien li nbiegh il-Life Assurance tal-Middlesea Valletta. Nghid li kont licenzjat: konna niehdu training, jaghtuna certifikat, nghaddu minn ezami u nkunu nistghu inbieghu il-prodott. Nghid li huwa training kontinwu; ghadni sal-lum stess naghmel dan ix-xoghol u ghadni niehu training fl-invesimenti tal-Bancassurance.***

***Nghid li lil RY niftakru; kien XXX, dak iz-zmien kien jahdem faccata taghna. <omissis>***

***niftakar li bieghejt zewg Endowment Assurance with Profits tal-MSV lis-Sur RY. Nghid li s-Sur RY kien gie minn jeddu. Jien tip ta' persuna li m'inix xi hard seller, li nipprova nikkonvinci lil xi hadd biex jixtri xi prodott. La kont u lanqas jien; aktar u aktar, dak iz-zmien ma kellniex it-targets u lanqas konna niehdu xi commission. Nghid li lanqas illum ma niehdu commission. Jien tip ta' bniedem li naghti lill-persuna z-zmien taghha biex tiddeciedi.***

***Nghid li kien qalli li ried ifaddal xi haga ghat-tfal tieghu. Kien qalli kemm xtaq ifaddal, iddiskutejna z-zmien, spjegajtlu l-prodott kif jahdem ghax dak iz-zmien kellna l-life assurance. Fuq hekk kont hrigtlu quotation, kont spjegajthielu bil-kliem, bil-fomm, bil-Malti u mxejna minn hemmhekk.***

***Nghid li dan il-prodott kien jinbiegh dak iz-zmien u ghadu jinbiegh s'issa. Nghid li jien l-istess kont nispjegah u ghadni. Is-Sum Assured hija garantita f'kaz ta' mewt, allahares qatt xi hadd imut. U l-kumpanija kienet tiddikjara a regular bonus jew Reversionary Bonus u dejjem ghidna li dak huwa 'guaranteed once declared'.***

***Nghid li dwar l-Estimated Reversionary Bonus, jien qatt ma ggarantejt li l-ammont jista' jitla' ghal Lm6,025.77 ghax dak huwa ammont ta' 25 years. Nispjegaw li kull sena l-kumpanija tiddikjara Reversionary Bonus u jekk jibqghu jaghtu bl-ammont li kien jinghata dak iz-zmien, jaghtuk dik is-somma; però, r-Reversionary Bonus huwa varjabbli u l-ammont jista' jkun aktar jew inqas.***

***Nghid li r-Reversionary Bonus hu varjabbli minhabba li jinvesti fi prodott tal-Middlesea Valletta li kien u ghadu jissejjah 'With Profit Funds' u kull sena jiddikjaraw bonuses skont kif imur il-fund minn sena ghall-ohra. U kull sena jkun differenti.***

***Nghid li dwar it-Terminal jew Final Bonus, kif spjegajt lil RY u lill-klijenti kollha, jista' jkun dikjarat jekk il-policy tkun mill-inqas 10 years u dik is-sena partikolari l-Middlesea Valletta tiddikjarah. Però, nafu li mhux dejjem tawh; gieli tawh u gieli ma tawhx. Dak jien le, ma niggarantihx.***

***Nghid li s-Sur RY gieli gie l-branch tal-Mosta wara li xtara l-poloz. Nghid li qatt ma staqsieni fuq il-bonus statements'.***[8]

Meta sar il-kontoezami ta' Christopher Borg mill-Ilmentatur irrizulta dan:

***'Qed jinghad li f'25 sena qatt ma tajna bonus, nghid li kull sena l-MSV tat bonus li kien iddikjarat fil-bonus statements li l-klijenti kienu jircievu kull sena.***

***Mistoqsi ghalfejn mela ktibnilu li wara 25 sena kien ser jiehu bejn Lm6,029 u madwar Lm8,300, jekk ktibnihomlux biex nidhru sbieh, nghid li s-Sur RY nahseb qed jirreferi ghall-quotation. Fuq il-quotation ikun hemm miktub fuqha li hi 'illustration', 'quotation' u 'if any'. Jiena, dak iz-zmien u ghadni sal-lum, nispjega l-endowments policy kif tahdem, li jkun hemm rata ta' bonus kull sena u once dikjarati, dawk ikunu tieghu u hadd ma jista' jehodhomlu. Kull sena r-rata tal-bonus tkun differenti. Dak iz-zmien kienet harget quotation u kien hemm imnizzel fuqha. Jien nispjega d-differenza bejn ir-Reversionary Bonus u t-Terminal Bonus u ma nghidx li l-Final Bonus hu garantit. Fil-fatt, kif hemm miktub fuq wara - u jien nghidha - il-Middlesea tista' tiddikjarah u tista' ma tiddikjarahx.'*** [9]

L-ilmentatur ghamel kontroezami lil Victor Farrugia rigward l-*affidavit* li pprezenta, u dan qal:

'***Qed issir referenza ghall-punt 8 tal-affidavit tieghi fejn nghid li l-kwotazzjonijiet 'inhargu in bona fede u ma kinux ibbazati fuq l-opinjoni tas-socjetà rapprezentata minni'. Mistoqsi dawn l-istimi minn fejn gew, nghid li l-kumpanija ghandha obbligu li taghmilhom l-istimi, jigifieri, hija kundizzjoni fin-negozju taghna illi jimponi fuqna r-regolatur, l-MFSA, li qabel ma jigi konkluz***

[8] P. 96 - 97
[9] P. 97 - 98

*dan it-tip ta' business, irridu naghtu stima lill-klijent biex fiha nindikaw kemm tista' ssarraf il-polza meta taghlaq, fost affarijiet ohra.*

*Meta taghmel stima ghal 25 sena trid taghmel assumption, jigifieri, trid tghid, jiena ghal dawn il-25 sena x'rata ser naqla'? Ghax ir-rata hadd ma jkun jafha minn qabel. Il-pozizzjoni li hadet il-kumpanija dak iz-zmien u li ghadha anke zzomm maghha llum, li tuza l-bonus rate li kien qed jithallas dak iz-zmien. Jigifieri, dawk l-istimi saru fuq il-bonus rate ta' dak iz-zmien li fl-1998 kien ta' 6.75%, u ghamlet projection li tuza dik ir-rata u jekk dik ir-rata tibqa' kif kienet, is-somma tkun dik li hemm indikata fil-quotation.*

*Id-differenza li saret fl-istima ta' dak iz-zmien u kemm fil-fatt immaturat il-polza hija minhabba t-tnaqqis fir-rati tal-imghax u anke fir-rati tal-bonus matul iz-zminijiet. L-istima saret a bazi tal-ahjar informazzjoni illi kien hemm dak iz-zmien.*

*Qed jinghad li jekk l-istima saret bir-rata ta' dak iz-zmien, allura, din l-istima mhijiex korretta ghax m'hemmx ic-cans fejn jidher ir-riskju ghax jekk tikkompara r-rati li gew ikkwotati vis-à-vis dak li verament gie mhallas, naqblu li hemm qabza kbira u, allura, l-istima ma kinitx in bona fede ghax dan ir-riskju ma giex inkluz.*

*Mistoqsi galadarba dik ir-rata ma setghetx tibqa' tithallas, mela fejn hu r-riskju inkluz fil-kwotazzjoni, nghid li fuq wara tal-quotation hemm l-Important Notes, jigifieri, dan huwa part and parcel tal-quotation. Il-quotation kienet tigi pprintjata fuq noti importanti (MSV 1 u MSV 2).*

*Ser nikkwota min-noti:*

*'The rates of Reversionary Bonus once declared are guaranteed to be paid at maturity or on prior death of the life assured. The estimated maturity value shown overleaf have been calculated using the bonus rates declared by the company at the previous year end. Depending on the performance of the company, the bonus rates may go up as well as down.'*

*Mela r-riskju li semmejt huwa mnizzel fin-noti importanti li qeghdin fuq l-istess dokument li qed jispjegaw fuq liema bazi saret il-quotation.*

*Qed jinghad li dawn mhumiex riflessi fin-numri ta' fuq il-kwotazzjoni, qed nghidu li l-kwotazzjoni giet ipprezentata u ntuzat l-ahhar rata li kienet*

***available, 6.75%, u fl-istess hin in-noti qed jghidu illi din ir-rata tista' tinzel u tista' titla'.***[10]

**Sottomissjonijiet finali**

**L-Ilmentatur:**

Rega' afferma t-talba ta' kumpens shih kif hu kien fehem li gie garantit; cahad li xi hadd fiehemu li dan ma kienx garantit izda kien jiddependi minn affarijiet li hadd ma fiehemhomlu; ilmenta li x-xhieda ta' Christopher Borg kienet ferm differenti minn dak li kien intqal meta kien xtara l-poloz li dwarhom qed isir dan l-ilment; u ilmenta wkoll li ghas-seduta tal-11 ta' Settembru 2023 hadd ma kien qallu li ser jidher Christopher Borg biex jaghti l-verzjoni tieghu u, allura, kellu jaghmillu kontroezami.  Qal li kieku kien jaf kien forsi jqabbad avukat ghalkemm kien jispicca ***'tigini iz-zalza oghla mill-huta.'*** [11] [12]

**Il-Provditur tas-Servizz**:

Rega' afferma l-argumenti li kien digà gab fir-risposta originali u waqt is-seduti u rribatta bil-qawwi l-allegazzjoni ta' *male fede* mqajjma mill-Ilmenatur billi qal:

'*Mala fede tirrizulta biss jekk MSV kienet konxja b'informazzjoni ohra u hbiet dik l-informazzjoni mill-ilmentatur. Dan zgur ma sarx mill-MSV u ghalhekk agixxiet in bona fede u m'ghandhiex tkun ikkastigata ghal cirkostanzi li ma kinux fil-kontroll taghha izda minhabba dak li sehh fid-dinja tal-investimenti. Fil-fatt, l-ilmentatur kien mgharraf permezz tal-Important Notes annessi overleaf mal-quotations (Dok. MSV 1 u Dok. MSV 2) illi 'The Estimated Maturity Values shown overleaf have been calculated using the bonus rates declared by the Company at the previous year end. Depending on the performance of the Company, bonus rates may go up as well as down'. Il-garanzija kienet biss illi 'The rates of the Reversionary Bonuses, once declared, are guaranteed to be paid at maturity or on prior death of the Life Assured'. Rigward it-Terminal Bonus, l-Important Notes jipprovdu illi 'A Terminal Bonus if declared is payable on policies that become claims by maturity or death, but not by surrender. However, as they depend materially on the investment performance at the time of the claim, they may be*

[10] P. 98 - 99
[11] P. 103
[12] P. 88 – il verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju 2023 jaghmilha cara li Christopher Borg kellu jitla' jixhed fis-seduta li jmiss.  Apparti minn hekk, l-Ilmentatur huwa liberu jaghzel lil min irid jassistih.

*reduced or withdrawn altogether.' L-Important Notes jispjegaw ukoll illi 'This quotation is provided for illustration purposes only and does not confer any rights'. Dan kollu gie ikkonfermat fil-kontroezami li sar lil Victor Farrugia.*[13]

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu bil-miktub, l-ilmentatur jikkritika x-xhieda ta' Victor Farrugia ghax ma kienx prezenti ghal-laqgha li kellu l-ilmentatur ma' Christopher Borg. Irid jigi ccarat li dak kollu li spjega Victor Farrugia fl-affidavit tieghu huwa ibbazat fuq id-dokumentazzjoni u mhux fuq dak li gara fil-laqgha. Però, Christopher Borg xehed dwar dak li fil-fatt kien gara fil-laqgha.'*[14]

MSV ukoll irribattew dak li qal l-Ilmentatur li ***'dak iz-zmien la kien hemm li l-passat mhux garanzija tal-futur u dak iz-zmien riskji ma konniex nafu x'jigifieri'.*** Sostnew li dawn l-affarijiet kienu spjegati kemm verbalment skont ix-

[13]*'Qed issir referenza ghall-punt 8 tal-affidavit tieghi fejn nghid li l-kwotazzjonijiet 'inhargu in bona fede u ma kinux ibbazati fuq l-opinjoni tas-socjetà rapprezentata minni'. Mistoqsi dawn l-istimi minn fejn gew, nghid li l-kumpanija ghandha obbligu li taghmilhom l-istimi, jigifieri, hija kundizzjoni fin-negozju taghna illi jimponi fuqna r-regolatur, l-MFSA, li qabel ma jigi konkluz dan it-tip ta' business, irridu naghtu stima lill-klijent biex fiha nindikaw kemm tista' ssarraf il-polza meta taghlaq, fost affarijiet ohra. Meta taghmel stima ghal 25 sena trid taghmel assumption, jigifieri, trid tghid, jiena ghal dawn il-25 sena x'rata ser naqla'? Ghax ir-rata hadd ma jkun jafha minn qabel. Il-pozizzjoni li hadet il-kumpanija dak iz-zmien u li ghadha anke zzomm maghha llum, li tuza l-bonus rate li kien qed jithallas dak iz-zmien. Jigifieri, dawk l-istimi saru fuq il-bonus rate ta' dak iz-zmien li fl-1998 kien ta' 6.75%, u ghamlet projection li tuza dik ir-rata u jekk dik ir-rata tibqa' kif kienet, is-somma tkun dik li hemm indikata fil-quotation. Id-differenza li saret fl-istima ta' dak iz-zmien u kemm fil-fatt immaturat il-polza hija minhabba t-tnaqqis fir-rati tal-imghax u anke fir-rati tal-bonus matul iz-zminijiet. L-istima saret a bazi tal-ahjar informazzjoni illi kien hemm dak iz-zmien.Qed jinghad li jekk l-istima saret bir-rata ta' dak iz-zmien, allura, din l-istima mhijiex korretta ghax m'hemmx ic-cans fejn jidher ir-riskju ghax jekk tikkompara r-rati li gew ikkwotati vis-à-vis dak li verament gie mhallas, naqblu li hemm qabza kbira u, allura, l-istima ma kinitx in bona fede ghax dan ir-riskju ma giex inkluz. Mistoqsi galadarba dik ir-rata ma setghetx tibqa' tithallas, mela fejn hu r-riskju inkluz fil-kwotazzjoni, nghid li fuq wara tal-quotation hemm l-Important Notes, jigifieri, dan huwa part and parcel tal-quotation. Il-quotation kienet tigi pprintjata fuq noti importanti (MSV 1 u MSV 2). Ser nikkwota min-noti: 'The rates of Reversionary Bonus once declared are guaranteed to be paid at maturity or on prior death of the life assured. The estimated maturity value shown overleaf have been calculated using the bonus rates declared by the company at the previous year end. Depending on the performance of the company, the bonus rates may go up as well as down.' Mela r-riskju li semmejt huwa mnizzel fin-noti importanti li qeghdin fuq l-istess dokument li qed jispjegaw fuq liema bazi saret il-quotation. Qed jinghad li dawn mhumiex riflessi fin-numri ta' fuq il-kwotazzjoni, qed nghidu li l-kwotazzjoni giet ipprezentata u ntuzat l-ahhar rata li kienet available, 6.75%, u fl-istess hin in-noti qed jghidu illi din ir-rata tista' tinzel u tista' titla'.'*

[14] P. 109 - 110

xhieda ta' Christopher Borg, kif ukoll bil-miktub fid-dokumenti li nghataw skont lill-Ilmentatur izda dan kien ghazel li jinjorahom avolja kien jaf jaqra bl-Ingliz.[15]

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkunsidra:**

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-kaz b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[16]

Il-punt krucjali f'dan l-ilment jittratta l-informazzjoni moghtija lill-Ilmentatur fil-mument tal-bejgh tal-polza in kwistjoni u l-allegati weghdiet li sarulu fir-rigward tal-ammont li huwa kellu jircievi mal-maturità tal-poloz.

L-Arbitru jrid imur ghall-waqt li kienet qed tinbiegh il-polza ilmentata, x'gie mwieghed lill-Ilmentatur u x'eventwalment gie moghti jew offrut lilhom mal-maturità. Irid jara wkoll kif sar il-bejgh tal-prodott ilmentat u, fuq kollox, jekk dan lahaqx *'l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment.'*[17]

Primarjament, l-Arbitru jinnota li fl-ilment sottomess, l-Ilmentatur ghamel referenza ghall-kwotazzjoni moghtija mir-rapprezentant tal-Provditur tas-Servizz. Kopja datata 16 ta'Jannar 1998 giet ipprezentata mal-ilment,[18] izda fil-fatt jidher li din kienet digà giet ipprezentata lill-Ilmentatur fl-ewwel laqgha tas-6 ta' Jannar 1998 fil-*Bank of Valletta* tal-Mosta.

In-negozju, mbaghad, inghalaq fit-22 ta' Jannar 1998, meta jidher li saret it-tieni laqgha gimaghtejn wara u, fil-fatt, il-poloz hargu bid-dati tas-6 ta' Jannar meta saret il-*proposal form*, 22 ta' Jannar meta hargu l-poloz, izda b'data effettiva mit-12 ta' Jannar.[19]

---

[15] P. 113
[16] Kap. 555, Artiklu 19(3)(b)
[17] Kap. 555, Artiklu 19(3)(c)
[18] P. 37
[19] P. 18; 44

L-Arbitru ghandu quddiemu zewg pozizzjonijiet estremi dwar dak li verament gara u x'intqal waqt il-laqghat tal-bejgh li minnhom kien hemm tal-anqas tnejn, fis-6 ta' Jannar u fit-22 ta' Jannar 1998. Christoper Borg isostni li fiehem kollox kif suppost u ghamilha cara li ma kienx hemm garanziji ghajr is-*SUM ASSURED.* Min-naha l-ohra, l-Ilmentatur jghid li l-uniku haga li fehem kien li l-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus and Terminal Bonus* kienu garantiti.

Huwa car li billi l-Ilmentatur kien midhla tal-*branch* tal-Bank peress li jaghti u jiehu xi servizzi minn hemm billi kien iservi bhala pulizija fl-ghassa tal-Mosta sewwa sew faccata tal-bank, allura, kienet inbniet certu familjarità bejn il-persuni li forsi ma ghenitx biex l-affarijiet isiru b'mod distakkat u professjonali.

L-Ilmentatur sahaq li huwa joqghod fuq il-kelma u jidher li ma kienx jaghmel sforz biex jifhem dak li kien qed jigi spjegat lilu ghax kien lest li jaccetta l-ahjar ipotezi u jassumi affarijiet li ma kellux jassumihom. Meta l-Ilmentatur jghid li dak iz-zmien kont tixtri dar fuq il-kelma, jew li ma kienx hemm twissijiet tal-passat mhux garanzija tal-futur, ma jkunx qed ikun korrett. Probabbl huwa jrid ifisser li jemmen fil-kuncett sagru *'my word is my bond'*. Izda ma jfissirx li ma jigux iffirmati kuntratti b'hafna kundizzjonijiet biex wiehed jixtri dar, jew li tista' tohrog polza tal-assigurazzjoni fuq il-kelma u lanqas tindenja ruhek taqra twissijiet miktuba b'mod car u semplici biex wiehed jifhem sew x'inhija *'my word'* sabiex ma tigix dizappuntat meta dak li assumejt ma jsirx *'my bond'* u ma jsehhx.

Allura, l-Arbitru jsib certu diffikultà li jaccetta li l-Ilmentatur, li kellu gimaghtejn jahsibha bejn l-ewwel u t-tieni laqgha, u anke kellu *cooling off period* ta' gimaghtejn ohra wara li jsir il-kuntratt tal-polza biex jerga' jahsibha, kulma fehem minn dak li qallu Christopher Borg kien biss li l-ammont ta' Lm16,570 ikkwotat kien sostanzjalment garantit.

Biex tintlahaq il-figura kkwotata jrid isir *'compounding'* b'rata gholja li ghalkemm kienet fattibbli fl-1998, ma kinitx xi haga li setghet tigi sostnuta u garantita ghal 25 sena shah.

Fix-xhieda tieghu fl-ewwel seduta, l-Ilmentatur qal:

***'Dak iz-zmien, barra minn Malta, l-interessi kienu bit-13%/12%, jigifieri, kienu interessi gholjin'.***[20]

L-ewwelnett, mhux minnu li fl-1988 kien hemm interessi gholjin daqstant. Probabbli dak it-tip ta' interessi kieni prevalenti ghall-habta tal-1992. Apparti minn hekk, ma kellux jassumi li dawn kienu ser jibqghu f'dak il-livell ghal 25 sena specjalment peress li l-kontribuzzjonijiet tieghu kienu mifruxa fuq 25 sena u mhux xi '*lump sum investment'* li tista' tigi investita mal-ewwel biex torbot ir-rati tal-imghax ghal zmien twil. Dan apparti li dak iz-zmien *bonds* ghal terminu twil fil-Lira Maltija ma kinux jezistu.

Anke l-argument li kieku nvesta fl-S&P 500 kien jilhaq dak li kien inwieghed ma jregix ghax huwa la kellu *lump sum investment* x'jaghmel u lanqas ried jiehu riskju li jgib mieghu min jiehu sogru jinvesti fl-indici tal-ishma barranin.

Min-naha l-ohra, l-Arbitru jhoss li l-Provditur tas-Servizz messu kien aktar kawt fil-kwotazzjonijiet li johrog u flok wahda messu hareg *spectrum* ta' kwotazzjonijiet mahduma b'rati differenti ghax fuq perjodu ta' 25 sena xejn ma jibqa' stabbli. Fil-fatt, inghad li wara s-sena 2000 bdew johorgu tliet kwotazzjonijiet u mhux wahda, u dan kien jghin biex il-klijent jifhem li ma kien hemm xejn garantit ghal 25 sena.

**Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli, u ser jilqghu limitatament sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Kumpens**

F'dan il-kaz, l-Arbitru qed jaghti rimedju ghaliex ihoss li l-aspettattivi tal-Ilmentatur, sal-limitu ta' fejn kienu legittimi, ma gewx milhuqa. L-aspettattivi taghhom kienu li mal-maturità tal-polza kien ser jircievi s-somma ta' €38,598, li izda, fid-data tal-maturità gie offrut ferm inqas. Izda ma jistax jinghad li l-aspettattivi tal-Ilmentur kienu kompletament legittimi.

[20] P. 84

L-Arbitru jrid jasal ghal kumpens li jrid ikun ibbazat fuq gustizzja ekwitattiva kif huwa sanzjonat li jaghmel espressament permezz tal-Artikoli 19(3)(b) u 26 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li jara wkoll li dan l-ammont ikun ragonevoli, dan ma jistax ikun preciz minhabba li hemm diversi fatturi li jridu jigu ikkunsidrati.

L-Ilmentatur ma pprezenta l-ebda prova li dak iz-zmien kellu xi ghazla ghajr polza bhal dik ilmentata jew inkella kont bankarju b'rati inqas. Ghaldaqstant, l-Ilmentatur lanqas ipprezenta xi tip ta' prova li minhabba li huwa iddecieda li jiehu l-polza offruta a bazi tal-informazzjoni moghtija, huwa garrab xi tip ta' *opportunity loss*. Fuq kollox, minghajr pregudizzju ghal dak dikjarat hawn fuq, l-Arbitru ma jhossx li permezz ta' din il-polza, wiehed ghandu x'jitlef. Apparti l-element ta' kopertura fuq il-hajja, l-Ilmentatur kellu c-cans li jikkontribwixxi ghat-tfaddil permezz ta' din l-istess polza u dan billi jhallas ammont zghir kull sena ghal hamsa u ghoxrin sena shah.

Barra minn hekk, meta l-Arbitru hares lejn l-andament kumplessiv tal-polza, ra li r-rendiment taghha kien ta' ftit aktar minn tlieta fil-mija[21] li, fic-cirkostanzi kollha, ma kienx wiehed hazin, u ghalhekk, dan ghandu wkoll jigi ikkunsidrat fi sfond fejn il-kapital tal-investiment kien sostanzjalment garantit.

Ghalhekk, meta qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-Aribtru wasal ghad-decizjoni li mhux ekwu li jilqa' t-talba shiha ta' l-Ilmentatur. Dan ghal ragunijiet digà mfissra hawn fuq u anke ghaliex:

- L-ilmentatur ma kienx gustifikat jassumi li r-rati prevalenti fl-1998 kienu ser jibqghu applikabbli ghal 25 sena shah galadarba l-investiment tieghu ma kienx fuq bazi *lump sum*.

- Il-kundizzjonijiet tal-*quotation* kienu ghand l-Ilmentatur ghal zmien bizzejjed qabel ma gie ffinalizzat l-impenn ghall-polza ilmentata, u kellu kull cans jifhem dak li kien garantit u dak li kien stmat. Izda huwa ghazel li jiffirma bla ma jaqra kemm qabel kif ukoll wara li ffirma.

[21] P. 95

Ghalhekk l-Arbitru jiddeciedi li s-somma xierqa li ghandha tinghata lill-Ilmentatur bhala kumpens hija dik ta' **€2,390**.

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *MAPFRE MSV Life p.l.c* thallas lill-Ilmentatur is-somma ta' elfejn, tlett mija u disghin ewro (€2,390) b'zieda mas-somma digà offruta, cioè, mas-somma ta' €15,936.31[22] u, ghalhekk, ihallsu s-somma kumplessiva ta' €18,326.31.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dan il-kaz huma ghall-Provditur tas-Servizz.**

**Alfred Mifsud**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[22] P. 9; 12